Minuti tal-10 laqgha tas-seba' Kunsill Lokali l-Gharb li saret nhar l-Hamis 24 ta' Ottubru, 2013. Il-laqgha nbdiet hin 4.45pm.

| **Prezenti:** | **Membri:** |
| --- | --- |
| Sindku | David Apap |
| Vici-Sindku | Louis Apap |
| Kunsillier | Emanuel Muscat |
| | Lisa Marie Brooke |
| | CarmenVella |

| **Ufficjali:** | |
| --- | --- |
| Deputat Segretarju Ezekuttiv | Emily Amatulli Depasquale |

**1.0 Approvazzjoni tal-Minuti tad-9 laqgha.**

1.1 Il-Minuti tad-9 laqgha gew approvati u ffirmati bhala dokument korrett.

**2.0 Ismijiet ta' toroq**

2.1 Is-Sindku spjega li b'referenza ghal-laqgha precedenti ser jigi diskuss l-ismijiet tat-toroq. Il-Vici Sindku Louis Apap qal li hu tal-fehma li l-isem tal-Pjazza Zjara tal-Madonna huwa twil wisq u ghalhekk ghandu jintaghzel isem iehor kemm ghal Pjazza, Pjazzetta ta' fejn ic-Centru fejn din ghandha tinghata isem, Triq il-Vizitazzjoni u Triq il-Knisja. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li ghandu tintbghat korrispondenza lill-Kumitat ta' l-ismijiet tat-Toroq sabiex jinghataw ismijiet godda fejn Pjazza Principali issir Misrah / Pjazza Vizitazzjoni, Triq il-Vizitazzjoni issir Triq l-Iskola, Triq il-Knisja tibqa' kif inhi fil-prezent u l-Pjazzetta ta' fejn ic-Centru issir Misrah l-Isqof Nikol Cauchi.

2.2 Emanuel Muscat qal li ircieva ilment dwar it-tappiera fejn l-Isqaq ta' fejn il-Kazin tal-Banda peress li qed ikun hemm diversi irwejjah minnha. Is-Sindku qal li din tista' tigi flushed bhal ma' gara f'diversi kazijiet ohra. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi inkarigat Michael Refalo biex jaghmel dan ix-xoghol.

3.0 **Offerta' 04-13 – Kiri ta' Karozzi *Self Drive***

3.1 Il-Kunsill fetah l-offerti' 04-13 ghal kiri ta' karozzi *Self Drive* liema ghalqu fl-4 ta' Ottubru, 2013. Dawn l-offerti huwa sabiex tkun tista' tinkera' karozza f'kaz li ikun hemm xi laqgha, ecc gewwa Malta. Gew

sottomessi zewg offerti wahda minghand Joseph Azzopardi – PCG Enterprises Ltd ghall-prezz ta' €27.73 kuljum jew parti minnha u l-ohra minghand Burmarrad Commercials ghall-prezz ta' €25 u vapur ghal kuljum jew parti minnha. Saret diskussjoni fejn gie innotat li minkejja ta' Burmarrad Commercial kienet l-irhas wahda sottomessa l-karozza tithalla c-Cirkewwa u jekk ikun hemm talba sabiex tigi delivered ikun hemm extra charages fosthom il-vapur. Il-Kunsill qabel li huwa aktar konvenjenti u prattiku li tintghazel l-offerta' ta' Joseph Azzopardi – PCG Enterprises Ltd.

5.15pm Il-Kunsilliera Carmen Vella dahlet ghal-laqgha.

**4.0 Offerti M323-21 – Restawr tal-Faccata tal-Knisja – It-tieni fazi**

4.1 Is-Sindku spjega li kif diga gie diskuss fil-laqgha precedenti l-Kunsill kellu imexxi fuq l-irhas offerta' sottomessa peress li ma kienx ghadd baqa' wisq zmien. Huwa spjega li kienu gew sottomessi zewg offerti wahda minghand Minutolo Capace del Sasso ghall-prezz ta' €165,121.28 u l-ohra minghand Mario Hili – Hilite Hardware Stores ghall-prezz ta' 37,349.00. Dawn gew evalwati mill-bord tal-Evalwazzjoni kompost minn Dr. Joshua Grech, Dr. Josette Spiteri Cauchi u Paul Zahra u dawn kellhom id-dokumenti kollha kif mitlub. Peress li l-offerta ta' Mario Hili – Hilite kienet l-iktar wahda li toqrob lejn il-budget tal-Kunsill infethu diskussjonijiet fejn ghalihom kien prezenti ukoll il-Perit tal-Kunsill sabiex il-budget jinzel ghal dak mitlub. Is-Sindku spjega li fil-fatt kien sar qbil u li l-Kuntrattur gie inkarigat sabiex jibda' x-xogholijiet u fil-fatt l-iscaffolding ser ikun qed jintrema is-Sibt 26 ta' Ottubru.

4.2 Is-Sindku informa ukoll lill-membri tal-Kunsill li l-Progett taht din il-mizura kien jghalaq fl-10 ta' Settembru pero' kien diga sar qbil li ser jiggeded u ghalhekk il-Kunsill issottometta ittra ufficjali sabiex isir tigdid sa l-ahhar tas-sena kurrenti.

4.3 Lisa Brooke semmiet il-materjal li kien ghad baqa' fiz-zona tal-Kappella ta' San Dimitri wara li sar ix-xoghol fuq l-imsemmija kappella. Is-Sindku spjega li l-kuntrattur diga gie mitlub sabiex inaddaf u inehhi l-materjal li kien ghad baqa'.

4.4 Is-Sindku informa lill-Kunsill li fuq dan il-progett wara li jitlestew ix-xogholijiet mhux previst li jibqa' aktar savings biex isiru aktar xogholijiet pero' dan ikun jidher aktar car wara li jitlestew l-ahhar xogholijiet fuq ir-restawar tal-faccata ta' l-ewwel fazi li kienu taht l-offerta' M323-18.

4.5 Is-Sindku spjega li fir-rigward ta' l-Applikazzjoni sottomessa mill-Kunsill taht il-Mizura M125, din gie rifjutata pero' mhux tal-Kunsill biss li kienet giet rifjutata imma ta' kulhadd minhabba li l-punti kienu

qed jinghata fuq il-bdiewa full-time li fil-fatt din hija problema ta' kulhadd ghax huma ftit bdiewa li huma registrati full-time peress li hafna minnhom huwa part-time jew jahdmu l-ghlieqi bhala delizju. Is-Sindku kompla spiega li din l-applikazzjoni ser terga' tinhareg u l-Kunsill ser ikun jista' jerga' japplika mill-gdid.

4.6 Emanuel Muscat staqsa dwar l-Applikazzjonijiet godda li ser jinhargu taht l-ERDF Funds. Is-Sindku spjega li ghandhom iridu jinghataw il-priorities qabel. Is-Sindku spjega li bid-decizjoni li ma ssirx it-trejqa ta' Wied ir-Raghab mill-Ministeru intilef ic-cans li jsir aktar xoghol fil-lokalita'.

## 5.0 Attivitajiet tal-Milied

5.1 Il-Kunsill qabel li f'dan ir-rigward ghandha terga tinhareg l-offerta' bhal tas-sena l-ohra sabiex isir it-tizjin tal-Milied. Barra minnhekk sar qbil ukoll li l-Kunsill ghandu javvicina lill-Arcipriet sabiex jigi diskuss il-party tat-tfal li ta' kull sena jsir flimkien mieghu.

Wara l-festi ghandha ssir ukoll harga u ikla f'Ghawdex ghar-residenti.

## 6.0 Aggornament dwar xogholjiet u Progetti

6.1 Is-Sindku spjega li fil-jiem li gejjin ser isir xoghol ta' pavimentar tas-shelter tal-Pjazza u li kif jitlestew dawn ix-xogholijiet kollox ikun lest fuq is-shelter.

6.2 Giet spjegat li ghad baqa' xi xogholijiet fuq il-faccata li jridu jsiru min-naha ta' Refalo Bros peress li dawn kienu jaqghu taht l-ewwel offerta' u li issa ser jinbeda x-xoghol fuq il-kampnari tal-Knisja.

6.3 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li fil-prezent hemm offerta' ghall-bazi tat-trakka fuq is-suq u li ser taghalaq fil-11 ta' Novembru, 2013.

6.4 Emanuel Muscat staqsa dwar x'fondi baqa' mill-Progett M313 fejn is-Sindku spjega li b'kollox baqa' madwar €133,000.00.

6.5 Il-Vici Sindku Louis Apap staqsa dwar x'possibilita' hemm li jkunu jistghu jsiru xi tipi ta' graffiti fiz-zona tal-ground. Is-Sindku spjega li din hija materja li trid tigi diskussa mall-Perit tal-Kunsill u jara x'possibilita' hemm ta' dan. Huwa spjega ukoll li l-Perit kien fil-fatt diga hareg bl-ideja li jekk ikun possibli isir dizinn embossed. Pero' dan ikun jista' jigi determinat la darba jigu identifikati l-fondi li ser jibqghu.

6.6 Il-Vici Sindku Louis Apap qal li huwa jahseb li l-ground ser jickien hafna. Gie spjegat li t-turf ser isir min-naha tal-Gozo Football

Association li ghandhom fondi apposta min-naha tal-UEFA u li dan mhuwiex taht il-kontroll tal-GFA jew tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li l-stima hija ta' madwar €110,000 u li din mhux ha tkun bizzejjed sabiex isir ix-xoghol mehtieg. L-Gharb Rangers F.C. fil-fatt applikkaw mall-Kunsill Malti ghall-Isports ghal aktar fondi.

6.7 Is-Sindku qal li ghand hemm aktar issues x'wiehed jara bla per ezempju il-manutenzjoni tieghu minghajr ma jkun hemm piz zejjed fuq il-Kunsill. Huwa qal li Mario Saliba intalab jiccekkja dwar il-manutenzjoni necessarja x'tinvolvi.

6.8 Is-Sindku issuggerixxa li ghandha tinhareg Call for Public Interest relatat mall-permess li diga ghandu l-Kunsill ghall-panelli fotovoltaici madwar il-ground tal-futbol. B'hekk il-Kunsill ikun jista' jara x'interess ikun hemm u b'dan ikun jista' jigi kopert ix-xoghol ta' manutenzjoni minghajr ma' l-Kunsill ikollu piz zejjed ta' manutenzjoni ta' dan il-ground. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta sabiex tinhareg din is-sejha.

6.9 Lisa Brooke staqsiet dwar Triq ta' Sdieri meta ser isir il-wicc tat-tarmak. Is-Sindku spjega li suppost ghandu jinbeda fil-jiem li gejjin. Fir-rigward ta' din it-triq is-Sindku spjega li kienet sieret talba sabiex issir trinka ghad-dawl ta' fuq il-bridge pero' xorta ma sieritx u ghalhekk gie inkarigat il-kuntrattur P&J Debono li ghamel ix-xoghol li b'kollox ser jigi jiswa €600.00.

6.10 Lisa Brooke staqsiet dwar is-sitwazzjoni tal-qsari fuq il-bankini. Is-Sindku spjega li l-avukat Dr Bigeni gie mitlub jipprepara bye-law f'dan ir-rigward kif ukoll fir-rigward tal-garr ta' nar.

6.11 Is-Sindku informa ukoll li wara arragamenti li saru mall-Ministeru ghal Ghawdex il-bankini ta' Maria Bartone fi Triq Trux u l-hajt ta' Trejqet is-Sisien ser isiru t-tnejn li huma min-naha ta' l-istess Ministeru.

6.12 Emanuel Muscat staqsa dwar il-cable tal-high tension tal-koporazzjoni Enemalta li jrid jghaddi minn San Lawrenz lejn l-Gharb meta jista' jsir ix-xoghol fuqu. Is-Sindku spjega li din hija materja li qeghda tiehu hsieba t-Transport Malta u m'hemm ebda oggezjoni min-naha tal-Kunsill sabiex jinbeda dan ix-xoghol.

6.13 Emanuel Muscat staqsa dwar il-bus shelter li hemm fejn il-Villagg tas-Snajja ta' Dbiegi tistax tersaq biex tkun qrib tal-Bus Stop. Is-Sindku spjega li minhabba nuqqas ta' spazju f'din iz-zona m'hemmx lok iehor kif tista' tersaq aktar qrib.

**7.0 Skeda ta' Pagamenti**

7.1 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti annessa liema skeda giet iffirmata mill-membri kollha. B'zieda ma' dawn gew approvati ukoll il-kont ta' Sam Azzopardi ghall-ammont ta' €100.00 bhala manutenzjoni fuq il-gypsum, Refalo Bros ghall-ammont ta' €54,198.19 fuq l-offerta' M313/02 xoghol fuq il-Leisure Park kif ukoll il-kont AF Ellis ghall-ammont ta' €1,750 ghall-gutter mall-funtana bhala parti mill-Progett M323.

**8.0 Korrispondenza u materji ohra**

8.1 Giet trattata s-segwenti korrispondenza minghand il-MEPA:
PA00857/11 – *Request for Minor amendments to permission* fejn inhareg il-Permess sabiex isiru dawn ix-xogholijiet.
DN00721/13 – *Soft Landscaping and street furniture* fejn il-MEPA talbet lill-Kunsill Clearance minghand it-Transport Malta.

8.2 Minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill gie infurmat li giet approvata l-Hatra tad-Deputat Segretarju Ezekuttiv.

8.3 Minghand il-Care Malta fir-rigward tal-Premju Nazzareno Vassallo Award ghall-Anzjani.

8.4 Minghand il-Gozo Action Group fejn il-Kunsill gie infurmat li dawn l-applikazzjonijiet ma gewx approvati.

8.5 Minghand Charles Bezzina fir-rigward ta' lapida kommemmorattiva jew monument f'gieh il-vittmi tal-gwerra fl-Gharb. Il-Kunsill qabel li ser jikkonsidera dan is-suggeriment.

8.6 Minghand ic-Centru Parrokkjali ta' l-Gharb fir-rigward ta' talba ghall-ghajnuna fl-attivita' ta' Leljla Sajfija. Il-Kunsill qabel li jaghti l-koperazzjoni tieghu sabiex tittella' din l-attivita' flimkien u tinghata l-ghajnuna mehtiega.

8.7 Minghand Carmelo Galea and Associates fejn il-Kunsill gie mitlub sabiex ihallas allegat kontijiet pendenti lil Joseph Cauchi ghal xogholijiet li saru gewwa l-lokalita'. Is-Sindku spjega li peress li kien hemm skadenza ta' gimgha ghar-risposta, kif diga kien hemm qbil fil-kunsill sabiex jintuza avukat skond il-kaz, huwa mar ghand Dr. Kevin Mompalao u saret ittra li tghid li la s-Sindku u lanqas ebda' impjegat tal-Kunsill qatt ma kien ghamel jew ta ordni tax-xogholijiet imsemmija Is-Sindku zied jghid li aktar kmieni din is-sena, is-Sur Cauchi kien avvicinah fir-rigward ta' dawn il-pagamenti pendenti li kellu mall-Ministeru ghal Ghawdex dwar xoghol li kien ghamel fil-lokalita'.

8.8 Is-Sindku spjega li ricentament ghadu kif inhareg il-permess tal-kamra tan-nar maghrufa bhala ta' Mawruz. Is-Sindku spjega li huwa kif fil-fatt avvicinat minn xi residenti fejn staqsew ghaliex il-Kunsill ma kien ha ebda passi f'dan ir-rigward. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandu jigi identifikat jekk il-permess jissalvagwardjax l-area tal-madwar b'mod partikolari anke il-kappella ta' San Dimitri.

8.9 Emanuel Muscat staqsa dwar min qieghed jiehu hsieb is-soft areas kif ukoll il-parapett ta' l-iskola. Is-Sindku spjega li fil-prezenti Emanuel Saliba, handyman tal-Kunsill Lokali l-Gharb gie inkarigat sabiex jiehu hsieb it-tisqija filwaqt li il-parapett ta' l-iskola huwa f'idejn id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

8.10 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li kien gie avvicina mis-Surmast ta' l-Iskola Primarja sabiex jigi provdut servizz ta' Bus ghal wara l-mixja li ser issir il-Gimgha 25 ta' Ottubru, 2013. Il-Kunsill qabel li ghandu jinghata dan is-servizz.

## 9.0 Aggornament

9.1 Il-laqgha tal-Kunsill li jmiss ser issir nhar il-Hamis 14 ta' Novembru, 2013.

9.2 Il-laqgha spiccat hin 6.30pm.

Konfermati minn

David Apap
Sindku

Emily Amatulli Depasquale
Deputat Segretarju Ezekuttiv